MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 279/2003

**Jason Nicholas Hillman u martu Joan Hillman, it-tnejn f'isem binhom minuri, Nick.**

**vs.**

**Direttur tar-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 17 ta' Marzu 2003 (a fol. 1 tal-process) fejn gie premess:-

Illi l-attur jismu Jason Nicholas Hillman kif jidher mill-att tat-twelid tieghu Dok. "A" – numru li jmiss ta' l-iskrizzjoni 101 tat-8 ta' Jannar 1997 – kif ukoll mill-att taz-zwieg tieghu, wara tiswija, Dok. "B" – numru wara l-iehor tar-Registru numru 312 tas-7 ta' April 2000;

Illi fl-att tat-twelid ta’ ibnu, Nick, Dok. “C” – numru li jmiss ta’ l-iskrizzjoni 553 tal-15 ta’ Frar 2000 – isem l-attur huwa mnizzel hazin bhala *“Jason Nicholas Manicolo surname changed from Hillman by deed poll (illegitimate father)”* filwaqt li korrettement ghandu jkun *“Jason Nicholas Hillman”,* waqt li fil-kolonna ‘Annotazzjonijiet’ hemm imnizzel hazin li l-omm hija *“wife of the said Jason Nicholas Manicolo”* filwaqt li kunjomha bhalissa huwa “Manicolo” mentri fiz-zewg kazijiet il-kunjom ghandu jkun korrettement “Hillman”.

Illi ghalhekk l-istess atturi fil-kwalita’ taghhom premess talbu lil din il-Qorti sabiex:-

(1) Tordna tiswija ta’ l-att tat-twelid ta’ Nick, iben l-attur – Dok. “C” – numru li jmiss ta’ l-iskrizzjoni 553 tal-15 ta’ Frar 2000 billi fil-kolonna “Taghrif dwar missier it-tarbija – isem u kunjom’ jidhlu l-kliem ‘Jason Nicholas Hillman’ minflok il-kliem *‘Jason Nicholas Manicolo surname changed from Hillman by deed poll (illegitimate father)”*; kif ukoll billi fil-kolonna “Annotazzjonijiet” jidhol il-kunjom “Hillman” minflok il-kunjom “Manicolo” fiz-zewg bnadi fejn jidher dan il-kunjom.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut imharrek ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 sa 12 tal-process;

Rat ir-rikors ta’ l-attur datat 18 ta’ April 2002 fejn talab li jigi ammess ghall-beneficcju gratwit;

Rat id-digriet tas-6 ta’ Gunju 2002 fejn il-Qorti laqghet it-talba u assenjat lir-rikorrenti bhala Difensuri, l-Avukat Dr. Renzo Porsella-Flores u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno;

Rat il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a fol. 14 tal-process datata 28 ta’ Marzu 2003;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku (a fol. 21) fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament, din ic-citazzjoni kellha ssir mill-attur, Jason Nicholas u martu Joan nee` Azzopardi f’isem il-minuri.

2. Illi fi kwalunkwe kaz, il-minuri Nick u l-omm Joan nee` Azzopardi ghandhom ikunu parti mill-kawza.

3. Illi t-talba ta’ l-attur m’hiex bazata fil-fatti *stante* illi jirrizulta illi d-dettalji mnizzlin fl-att tat-twelid numru 553 tas-sena 2000 jirrizultaw mid-*‘deed poll’* li pprezenta l-attur stess lill-Ufficjali tad-Dipartiment tar-Registrazzjoni Civili meta mar jirregistra lit-tarbija, Nick, li twieled fit-30 ta’ Jannar 2000, fejn ipprezenta wkoll dokument li hu kien bidel ismu b’*deed poll* minn “Hillman” ghal “Manicolo” li hu hawn anness u mmarkat bhala Dok. “A”.

4. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-att tat-twelid numru 553 tas-sena 2000 m’huwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-esponent li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku a fol. 22 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut, id-Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat in-nota ta’ l-attur datata 12 ta’ Gunju 2003 fejn permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess u dak ta’ martu, Joan Hillman – Dok. “F”.

Rat l-affidavits ipprezentati mill-attur a fol. 28 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Gunju 2003 fejn Dr. Renzo Porsella-Flores talab korrezzjoni fl-okkju fis-sens li wara isem l-attur jizdiedu l-kliem “u martu Joan Hillman, it-

tnejn f'isem binhom minuri Nick" kull fejn jirrikorri; Dr. Roma D'Alessandro ghad-Direttur tar-Registru Pubbliku iddikjarat li *in vista* tal-fatt li giet prezentata r-ritrattazzjoni tar-rikors numru 17/02 quddiem il-Qorti ta' Revizjoni ta' l-atti Notarili,  talbet li din il-Qorti jista` jkun li il-kaz li ghandha tissoprasjedi; Dr. Renzo Porsella-Flores talab zmien sabiex jara l-atti msemmija; il-Qorti laqghet it-talba tal-korrezzjoni u ordnat il-korrezzjoni rikjesta.

Rat in-nota tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 1 ta' Awissu 2003 fejn ipprezenta kopja nformali tac-citazzjoni ghar-ritrattazzjoni tar-rikors numru 17/02 immarkat bhala Dok. "A".

Rat id-dikjarazzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku a fol. 36 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 38;

Rat l-affidavits ipprezentati mill-atturi a fol. 39 tal-process;
Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Ottubru 2003 fejn Dr. Renzo Porsella-Flores talab li t-talba fir-rigward tas-soprassjoni ta' din il-Qorti, tad-Direttur tar-Registru Pubbliku tigi michuda; il-Qorti cahdet it-talba ghas-soprassjoni u nnominat lil Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju sabiex jisma' l-provi kollha li kien fadal dwar il-kaz.

Rat in-nota tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess;

Rat l-affidavit ta' l-Agent Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Jannar 2004 fejn gie dikjarat li l-provi gew konkluzi u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din il-kawza tittratta dwar talba ghal korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid ta’ iben l-atturi, bin-numru 553/00 *stante* li l-atturi *nomine* qed jallegaw li f’dan ic-certifikat jezisti zball fis-sens, illi kunjom l-attur gie rregistrat bhala “Manicolo” mentri kellu jigi ndikat bhala “Hillman”.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur dejjem kien maghruf bil-kunjom ta’ “Hillman” u meta kellu erbatax-il (14) sena ommu ghamlet *deed poll* sabiex kunjomu jsir “Manicolo”. L-attur ma setax jidra dan il-kunjom u beda jnizzel ismu bhala “Jason Nicholas Hillman, *known as* Manicolo”. Dan il-fatt beda` johloqlu xi problemi. Fic-certifikat taz-zwieg, il-kunjom ta’ l-attur huwa mnizzel bhala “Hillman, *known as* Manicolo”. Wara xi zmien l-attur ghamel il-proceduri necessarji quddiem il-Qorti ghar-Revizzjoni ta’ l-atti Notarili li b’decizjoni taghha gie ordnat li l-isem ta’ missier il-minuri odjern kellu jkun indikat bhala dak ta’ “Jason Nicholas Hillman”, u fil-fatt dan illum huwa rifless f’kull certifikat ta’ missier il-minuri, inkluz ic-Certifikat ta’ Twelid u taz-Zwieg ta’ l-istess Jason Nicholas, kif jidher mill-istess certifikati esebiti mac-citazzjoni attrici.

Illi fil-fatt mill-provi prodotti jidher li l-istess, Jason Nicholas, kien dejjem juza l-kunjom ta’ ommu Ann Hillman, u meta twieled fi Bristol l-Ingilterra huwa gie hekk registrat bil-kunjom “Hillman”. Jidher li f’dak il-pajjiz l-istess, omm Jason, kienet bidlet il-kunjom ta’ binha, Jason, sabiex dan ikollu l-kunjom tar-ragel li zzewwget hija; pero’ dan ma kellu x’jaqsam xejn ma’ l-istess missier il-minuri odjern u ma jidhirx li l-istess, Jason Nicholas, kien partecipi f’din il-procedura tad-*deed poll*, li ma ghandha l-ebda ekwivalenti fil-ligi Maltija. Fil-fatt, l-istess attur, Jason Nicholas, skond il-ligi Maltija ghandu jiehu l-kunjom ta’ l-omm, la darba huwa llegittimu u ma giex maghruf minn missieru u dan skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 92 (1) tal-Kap 16.**

Illi *di piu'* llum l-istess certifikati kollha ezistenti jindikaw li Jason Nicholas ghandu l-kunjom “Hillman”, u dan apparti li huwa baqa’ dejjem juza l-kunjom “Hillman” tant li dan l-kunjom gie rikonoxxut mill-Awtoritajiet kompetenti anke fid-dokumenti fejn l-istess, Jason Nicholas, applika sabiex jiehu ic-cittadinanza Maltija.

Illi veru li l-procedura addottata minn omm l-istess, Jason Nicholas, ikkomplikat is-sitwazzjoni ghall-istess persuna, izda xorta jibqa’ l-fatt li skond il-ligi Maltija, l-attur Jason Nicholas jista’ biss jiehu l-kunjom ta’ ommu Hillman, u l-istess baqa’ juza dan il-kunjom tul hajtu kollha, minkejja dak indikat fid-*deed pool,* li ma ghandhiex ekwivalenti fil-ligi nostrana. L-attur fetah kawza fejn gie deciz li kunjomu jigi registrat bhala “Hillman” kif fil-fatt sar fl-atti tat-twelid u taz-zwieg tieghu.

Illi ghalhekk la darba Jason Nicholas irrikonoxxa lil ibnu Nick ma hemm l-ebda dubju li l-istess minuri, Nick, li twieled fit-30 ta’ Jannar 2000 ghandu jkollu l-kunjom ta’ missieru li huwa “Hillman” u ghalhekk ghandhom isiru l-korrezzjonijiet kollha rikjesti fic-citazzjoni attrici, b’dan li l-isem ta’ Jason Nicholas ghandu jigi segwit bil-konjum “Hillman” b’dan li l-minuri ghandu jkun maghruf bhala Nick Hillman, u ghal din il-fini ghandhom isiru l-korrezzjonijiet kollha rikjesti fic-Certifikat tat-Twelid tal-minuri, Nick, Numru ta’ Registrazzjoni 553/2000.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku in kwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibbli ma’ dak hawn deciz, u **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:-

1. Tordna tiswija ta’ l-att tat-twelid ta’ Nick, iben l-attur – Dok. “C” – numru li jmiss ta’ l-iskrizzjoni 553 tal-15 ta’ Frar 2000 billi fil-kolonna “Taghrif dwar missier it-tarbija – isem u kunjom” jidhlu l-kliem “Jason Nicholas Hillman” minflok il-kliem *“Jason Nicholas Manicolo surname changed from Hillman by deed poll (illegitimate father)”*; kif ukoll billi fil-kolonna “Annotazzjonijiet” jidhol il-kunjom “Hillman”

minflok il-kunjom “Manicolo” fiz-zewg bnadi fejn jidher dan il-kunjom, b’dan li jigi indikat li kunjom l-istess minuri Nick huwa dak ta’ “Hillman”.

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* ta’ l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f’gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta’ kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16** a spejjez ta’ l-istess attrici.

Illi dwar il-kap ta’ l-ispejjez dawn ghandhom jigu sopportati interament mill-atturi *stante* li ma jidhirx li l-konvenut kien b’xi mod responsabbli ghal din il-korrezzjoni necessarja u ordnata b’din is-sentenza.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------